MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1084/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Ivana Restall sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Ivana Restall.**
**vs**
**Andrew Chetcuti Ganado**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-23 ta' April, 2002, fejn intalab l-ammont ta' hames mija u tletin lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (LM530.55) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tad-9 ta' Dicembru, 2000, fi Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAR 321 misjuqa minn u propjeta' ta' l-assikurata tas-socjeta' attrici li kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mahruga mill-istess socjeta' attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura ta' l-assikurata taghha u l-vettura numru ACG 072 misjuqa mill-konvenut**

**Andrew Chetcuti Ganado, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Mejju, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-29 ta' Lulju, 2002, fejn intqal illi t-talba attrici fil-konfront tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fid-Dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Ivana Restall, kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Sema' x-xhieda, u ezamina d-dokumenti.**

**Ikkunsidra:**

**Illi din il-kawza tikkoncerna kollizjoni li sehhet fid-9 ta' Dicembru, 2000, f'Dingli Street, Sliema. L-attrici kienet gejja minn High Street ghal Dingli Street, Sliema u l-konvenut minn Dingli Street ghal St Mary Street, 'l isfel mill-maqrut tas-sigar.**

**Illi tirrizulta divergenza totali fil-versjonijiet taz-zewg sewwieqa. Ivana Restall tallega li fil-mument tal-habta kienet wieqfa u rat lill-konvenut jallega li ra lil Restall thares lura u baqghet diehla go fih, ghalkemm ipprova jibbrekja u halla xi marki warajh.**

**Illi l-konvenut jallega li l-habta saret 'il fuq minn fejn effettivament huwa indikat fl-iskizz.**

**Illi ma gie rivelat u/jew inghatat xi indikazzjoni liema triq ghandha precedenza fuq l-ohra, sia fejn kienu gejjin u sia fejn kienu sejrin iz-zewg vetturi. Jirrizulta biss li z-zewg vetturi riedu jaqsmu l-karregjata ta' xulxin.**

**Illi huma ferm difficli lil min ghandu jigi akkordat l-uniku tort ghall-kollizjoni. Il-fatt li l-attrici ma hallietx marki jista' jkun dovut li, jew veru kienet wieqfa jew ma ratx lill-konvenut. Il-fatt tal-marki tal-konvenut jaghti x'jifhem li sew gie mahsud ghax jew ma zammx a proper look out jew li veru baqghet diehla go fih il-vetura l-ohra.**

**Illi rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni ta verosimilita, it-Tribunal jirrileva li mhux il-kaz ta' nuqqas ta' prova fuq bilanc ta' probabilita' da parti tas-socjeta' attrici, stante li hija kellha l-oneru tal-prova.**

**It-Tribunal ihoss li t-tort ghandu jigi akkordat fuq iz-zewg sewwieqa, anzi verament fuq bazi ta' ekwita li fuqu huwa mibni l-principju ta' dan it-Tribunal.**

**Relattivament ghal quantum tad-danni dana ma giex kontestat mill-konvenut u huwa suffragat mid-dokumentazzjoni u ghalhekk qed jigi accettat. Nofs l-ispiza attrici tammonta ghal mitejn u hamsa u sittin Lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (LM265.28).**

**Jiddeciedi billi jiddikjara lill-attrici u l-konvenut ugwalment responsabbli ghall-kollizjoni fi grad indaqs u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attruri is-somma ta' mitejn u hamsa u sittin Lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (LM265.28) in linea ta' danni bil-kap ta' l-ispejjez jigi soffert fl-istess grad bejniethom bl-interessi mid-data tas-sentenza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------